*30 ta' Novembru, 2011*

123/2011

**STQARRIJA MILL-KULLEĠĠ TAL-KAPPILLANI**

Il-Kulleġġ tal-Kappillani jixtieq juri s-sogħba tiegħu għat-telfa ta' Mons. Annettu Depasquale, Isqof Titulari ta' Aradi u Isqof Awziljarju, u jirringrazzja lil Alla tad-don li ta lill-Knisja f'Malta permezz tiegħu.

Il-Kulleġġ dejjem ra fih bniedem ta' Alla, b'imħabba u lealtà sħiħa lejn il-Knisja, u dejjem kien ta' servizz, direzzjoni u appoġġ kbir għall-kappillani. It-tbissima u s-serjetà li bihom qeda dmiru sal-aħħar, jibqgħu ta' eżempju kbir.

Nitolbu lil Alla li jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant jistħoqq.